MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 421/2015/1

**G.R.A.P Limited**

**vs**

**Mario Brincat sive Bezzina u Catherine sive Katie Bezzina**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' G.R.A.P. Limited li permezz tieghu il-Qorti giet mitluba zzomm lil Mario Brincat sive Bezzina u Catherine sive Katie Bezzina milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari il-fond 11, Fisherman Street, Marsa, proprjetà tal-intimati minnhom mixtri b'kuntratt tat-3 ta' Ottubru 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegiba tal-intimati.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 (1) u (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*

Din il-Qorti tenfasizza li l-ezami li jehtieg li jsir f'dan l-istadju huwa strettament wiehed li jasal sal-livell ta' prima facie, bl-iskrutinju profond jibqa' rizervat ghal dik il-Qorti li tasal biex tisma' u tiddeciedi l-kawza.

Dan premess fil-kaz in ezami Reginald Fava, fit-talba tieghu ghall-hrug ta' dan il-mandat, ikkonferma bil-gurament l-iskular ta' ilma mill-fond tal-intimati u d-danni konsegwenzjali. Il-pretensjonijiet gew kontestwalment imressqa f'kawza. L-intimati ma gabu lill-Qorti ebda raguni li twassalha biex tichad lis-socjetà rikorrenti d-dritt li tikkawtela b'kull mod li taghtiha l-ligi l-pretensjonijiet taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ta' G.R.A.P. Limited u zzomm lil Mario Brincat sive Bezzina u Catherine sive Katie Bezzina milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari il-fond 11, Fisherman Street, Marsa, proprjetà tal-intimati minnhom mixtri b'kuntratt tat-3 ta' Ottubru 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami.

Ghall-fini tar-registrazzjoni skond il-ligi il-Qorti tahtar lin-Nutar Sean Critien.

Kull parti tbati l-ispejjez taghha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------